

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-11 ta' Settembru 2019 – Topor-Gilka u WO Technopromexport vs Il-Kunsill

(Kawżi Magħquda T-721/17 u T-72217) (¹)

("Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina – Iffriżar ta' fondi – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball ta' evalwazzjoni")

(2019/C 383/65)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti fil-kawża T-721/17: Sergey Topor-Gilka (Moska, ir-Russja) (rappreżentant: N. Meyer, avukat)

Rikorrenti fil-kawża T-722/17: OOO WO Technopromexport (Moska, ir-Russja) (rappreżentant: N. Meyer, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u E. Salia, aġenti)

Intervenjenti insostenni tal-konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: inizjalment minn T. Henze, J. Möller u R. Kanitz, sussegwentement minn J. Möller u R. Kanitz, aġenti), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Baumgart, M. Kellerbauer, T. Ramopoulos u E. Schmidt, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1418 tal-4 ta' Awwissu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2017, L 203 I, p. 5), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/392 tat-12 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2018, L 69, p. 48), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1237 tat-12 ta' Settembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2018, L 231, p. 27).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Sergey Topor-Gilka u OOO WO Technopromexport għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, l-ispejjeż esposti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(¹) ĠU C 424, 11.12.2017.